

22001D0073

L 238/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

6.9.2001

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 73/2001

tad-19 ta' Ġunju 2001

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 45/2001 tat-30 ta' Marzu 2001 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE u 93/22/KEE dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punti 7a (Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE), 12a (Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE), 30 (Direttiva tal-Kunsill (Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE) u 30b (Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE) fl-Anness IX għall-Ftehim, qabel it-testi ta' addattament:

- **32000 L 0064:** Id-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2000 (ĠU L 290, tas-17.11.2000, p. 27)."

## Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-20 ta' Ġunju 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

<sup>(1)</sup> ĠU L 158, ta' l-14.6.2001, p. 59.

<sup>(2)</sup> ĠU L 290, tas-17.11.2000, p. 27.

(\*) Ħtiġiet kostituzzjonali indikati.